MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 39/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel k/a Charles Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 274684(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Awwissu 2010 għall-habta ta' 22.40 hrs fi Triq Bubaqra, Żurrieq

1. saq mutur numru CBF-662 mingħajr ma kien liebes "crash helmet";

2. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru CBF-662 (mutur) fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

3. saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru CBF-662 (Mutur) fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;

4. talli fl-istess data, ħin u lok ġewwa "Nassaba Bar" pejjep xi sigarett, sigarru, tabakk jew prodott tat-tabakk f'post miftuħ għall-pubbliku;

5. fl-istess data, ħin u lok volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
6. insulenta, inġurja u hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 589 E. Grima persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

7. fl-istess ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordni leġittima mogħtija lilu mill-Pulizija, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu;

8. qal kliem oxxen u kliem indiċenti fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65, l-artikoli 17, 95, 338(bb), 338(m), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9, ir-Regolament 123 tal-A.L. 128/1994 u l-artikolu 14 tal-Kap. 315 tal-Ligijiet ta' Malta :

1. irriżultat u kkundannatu għall-piena ta' €47 ammenda;

2. u 3. irriżultaw u kkundannatu għall-piena komplessiva ta' €466 multa;

4. irriżultat u kkundannatu għall-piena ta' €117 multa;

5. irriżultat u kkundannatu għall-piena ta' €58 ammenda;

6. irriżultat fuq ammissjoni u kkundannatu għall-piena ta' €58 ammenda;

7. irriżultat u kkundannatu għall-piena ta' €58 ammenda;

8. irriżultat fuq ammissjoni u kkundannatu għall-piena ta' €47 ammenda.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-1 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermha** in kwantu sabet lill-appellant ħati (fuq ammissjoni) tas-sitt u tmien imputazzjoni, **tħassarha** u **tirrevokha** in kwantu sabitu ħati għall-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba`, l-ħames u s-seba` imputazzjoni, u għar-raġunijiet suesposti tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu a bażi tal-provi prodotti quddiemha, u konsegwentement jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi.

Jidher illi kemm il-prosekuzzjoni u kemm il-Qorti sejset il-kaz tagħha esklussivament fuq il-verżjoni tal-fatti skont id-deposizzjoni ta' Etienne Grima, u cioe` PC 589, filwaqt illi skartat kompletament il-fatti kif esposti mill-appellant stess, li wkoll xehed fil-proċeduri odjerni u għandhom mis-sewwa. Il-verżjoni kif esposta minn PC 589 Etienne Grima hija inverosimili. Il-kuntistabbli jgħid li l-appellant saq taħt l-influwenza tax-xorb tirreferi għal dak il-ħin meta

l-appellant kien nieżel il-pjazza minn għand ommu u l-appellant kien qed isuq bla helmet. Dan kien għall-ħabta tal-11 neqsin għoxrin ta' bil-lejl. Meta l-appellant ħareġ min-Nassaba Bar, madwar tliet kwarti wara, l-appellant ma leħaqx saq għax kien il-kuntistabbli stess li waqqfu u ħadlu ċ-ċavetta tal-mutur.

Skont l-affidavtis tal-Pulizija, dawn intalbet l-assistenza tagħhom għall-ħabta tal-ħdax neqsin għoxrin ta' bil-lejl. Il-kapjun tan-nifs ttieħed fil-11 neqsin 17-il minuta. Ebda kampjun tan-nifs ma ttieħed fuq il-post. Għalhekk il-ħin indikat fl-akkuża huwa żbaljat. Jekk l-appellant wasal fin-Nassaba Bar għal 11 neqsin għoxrin u għamel tliet kwarti jixrob, u imbagħad ittieħed id-depot ma jistax ikun li l-kamjun tan-nifs ittieħed kważi eżattament fl-istess ħin.

It-test kellu jsir eżattament meta l-appellant wasal fuq il-post. L-appellant stess ammetta li kien ħa xi żewġ drinks oħra fin-Nassaba Bar. Il-fatt li l-Pulizija xamma riħa ta' xorb mhux prova biżżejjed sabiex l-appellant jinstab ħati li saq taħt l-effett tax-xorb. Jekk persuna tkun ikkonsmat alkoħol skont il-limit preskritti fil-Liġi, xorta riħa ta' xorb ser ikollha fuqha. Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti huwa kien qal li għand ommu kien ħa xi żewġ tazzi mbid mal-ikel. Kien wara li xorob mill-Bar illi kien imlaħlaħ mhux ħażin.

Il-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' xhieda oħra, li skont hi stess kienu preżenti.

Semgħet lill-abbli Prosekutur u lill-abbli Difensur jittrattaw.

Minħabba li l-appell huwa dwar apprezzament ħażin tal-provi (barra għal dak li għandu x'jaqsam mas-sitt u mat-tmien imputazzjoni), il-Qorti reġgħet semgħet il-provi mill-ġdid.

Xhieda u dokumenti.

Fil-proċess jinsabu l-affidavits ta' PS 850 Simon Buttigieg u PC 1149 Aaron Debono.

Dawn qablu li ntalbet l-assistenza tagħhom fl-22-40 tal-21 t'Awwissu 2010. Fl-affidavits tagħhom, PS 858 Simon Buttigieg u PC Aaron Debono iddikjaraw u qalu bil-ġurament li PC 589 kien infurmahom li l-appellant kien qiegħed ipejjep ġewwa n-Nassaba Bar, li dan beda jidgħi u joffendi lill-pulizija u li kien aggressiv. Ftit wara l-appelalnt ipprova jusq il-mtur mingħajr il-crash helmet u taħt l-influwenza tal-alkoħol. Huwa ttieħed l-Għassa taż-Żurrieq minn fejn wara ttieħed lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Skont id-dokument fol 4, l-ammont tal-alkoħol misjub kien ta' O.96mg u dan sar wara li l-appellant ta l-kunsens tiegħu.

A fol 5, skont dokument ieħor jidher il-breath alcohol test record bil-ħin indikat jidher 23:52:56 u varjazzjonijiet żgħar ta' dan il-ħin b'dak li jimmarka 0.96 jittieħed fil-23:55:07.[1]

Ix-xhud ewlieni - PC 589 Etienna Grima

Mix-xhieda ta' PC 589 Etienne Grima, jirriżulta dan li ġej. Huwa kein etra duty fi triq Bubaqra, kantuniera ma' Pjazza Santa Marija, fejn kien hemm attivita' soċjali għaddejja. Huwa tefa' żewġ sinjali tat-traffiku biex ma jidħlux karozzi min-naħa t'isfel. Dak il-ħin innota mutur lewn aħmar bix-xufier mingħajr helmet u nieżel ġol-attivita'. Dan tefa' l-mutur ħdejn il-mejda li kienet armata bl-ikel. Huwa ta struzzjonijiet lill-appellant biex ma jħallix il-mutur hemm. L-appellant kellu riħa ta' xorb u kien jidher li ma kienx f'siktu. Dak il-ħin qabad il-mutur u x-xhud mexa mal-appellant u ħallew il-mutur band'oħra. Daħal fin-Nassaba Bar li kien vojt fejn damu xi nofs siegħa jew tleit kwarti. Hemm beda jitkellem ħażin u jidgħiu xegħel sigarett u hawn ix-xhud ordnalu jitlaq minn fuq il-post. Sa fejn jaf ix-xhud l-appellant ma ħa ebda ikel jew xorb. L-appellant mexa lejn il-mutur iżda wissieh biex ma jsuqx il-mutur għax ma kienx jiflaħ isuq. Iżda l-appellant qabad iċ-ċavetta, rikeb

[1] Fol 2 tal-proċess: Verbal tal-20 ta' Jannar 2011: Xehed bil-ġurament l-imputat. Huwa ppreżenta tleit ritratti u ċertifikat mediku. Sar konfront fuq ordni tal-Qorti bejn l-imputat u x-xhud PC 589 fejn l-imsemmi xhud ingħata twissija mill-Qorti u għażel li jixhed. F'dan l-istadju l-imputat ammetta is-sitt u tmien akkuża dedotti kontra tiegħu.

fuq il-mutur u ried isuq. Ix-xhud ma ħalliehx isuq. L-appellant beda jkellma ħażin u jheddu. Waqt il-battibekki, qabad il-helmet u għolla jdejh. Ix-xhud imbuttah qabel ma laħaq xejjer il-helmet, inqaleb mal-art u talab għall-għajnuna.

Kien hemm kuntistabbli oħra iżda din baqgħet tagħlaq it-triq.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li huwa sejjaħ għall-għajnuna għal xi l-ħdax neqsin għoxrin. ‘Qabel kien hemm dawk in-nofs siegħa jew tliet kwarti’. Huwa qabel li akkuża minnhom kienet li l-appellant kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb. Wara kien hemm din il-mistoqsija u tweġiba:

‘Difiża: Ara naqblux illi dik l-akkuża tirreferi għal x’ħin wasal is-sur Schmebri fuq il-post? Għax fil-fatt f’ebda ħin wara ma saq?

Xhud: Le għal x’ħin wasal fuq il-post, jiena ibbażajt l-akkuża fuq l-affarijeit li rajt jiena dak il-ħin x’ħin ġie hu u jien mort inkellmu mal-ewwel.

Difiża: X’ħin wasal fuq il-post.
Xhud: Iva.’

**Xhud ieħor**

Xehed PS 1505 John Micallef Engerer li qal li hu kien il-Prosekutur fil-kawża meta nstemgħet isfel. Huwa spjega li d-dokument isfar huwa r-rapport li jkun ħareġ tal-kampjun tan-nifs dak iż-żmien mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Id-dokument abjad huwa l-ispecimen tal-alkoħol test li wkoll ikun ħareġ mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Ir-riżultat juri 96 mg. Ħin minnhom jindika meta kien imwaqqaf l-appellant. Fuq id-dokument numru 5 hemm il-ħin meta nħareġ it-test. Peress li dan ikun sar fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, allura l-ħin li jidher fuq it-test huwa **wara** l-ħin li fih ikun seħħ l-inċident.

Ikkonsidrat

**Punt ta' Liġi**

**X'għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni**

L-artikolu 360 tal-Kap 9 jgħid hekk:

(2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.'

**Ġurisprudenza dwar iċ-ċitazzjoni**

Skont deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-21 ta' Mejju 1981 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Alfred Briffa' :

'L-appellant eċċepixxa n-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti peress li ma kienx hemm indikat fit-taħarika tal-Pulizija s-sena tal-okkorenza.  Il-Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni tenut kont tal-indikazzjonijiet l-oħra kollha illi kien hemm fit-taħrika minn fejn kien manifest li l-akkuża tirreferixxi għas-sena korrenti.'  (Vol LXV 1981 Pt III – V fol 458).

F'sentenza mogħtija aktar tard, fid-9 t'April, 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

'It is not required by law to quote in the charge the alw which created the offence with which the the accused is charged.  That which is essential is that the charge makes clear the facts and the offence with which the accused is charged.'  (Vol. LXXXI 1997 Part IV paġina 149).

Deċiżjoni oħra dwar iċ-ċitazzjoni kienet dik tat-30 ta' Lulju 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija verus David Jackson Zahra (sive David Zarb Jenkins)' fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

'Jekk persuna li tirċievi ċitazzjoni twieġeb għaliha billi tidher q    uddiem il-Qorti, anki jekk tali ċitazzjoni tkun f'isem jew kunjom żbaljat, l-iskop taċ-ċitazzjoni jkun intlaħaq.

M'hemmx dubju li żball fil-kunjom jew fl-isem tal-imputat ma jwassalx għal-liberazzjoni ta' dak l-imputat.'  (Vol LXXXIII IV. 1999 paġina 360)

F'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2005  'Il-Pulizija versus Karl Borg' il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

'L-artikoli ċitati mill-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni huma biss indikattivi u ma jikkostitwux parti integrali mir-reati addebitati lill-imputat.'  ( Vol LXXXIX  2005 Part IV fol 372)

Id-difiża ssottomettiet li l-akkuża ma tirriżultax għaliex l-appellant saq qabel.  Qalet ukoll li l-assitenza ssejħet xi tliet kwarti wara u li ma nafux x'sar f'dawk it-tliet kwarti.

Deċiżjoni li għandha x'taqsam ma' dan il-punt imqajjem mid-difiża hija (fuq kwistjoni ta' ħin kif muri fiċ-ċitazzjoni) hija dik tad-19 t'Ottubru, 2011 (Qorti tal-Appell Kriminali – L-Imħallef l-Onor David Scicluna).  Din is-sentenza rrigwardat biss l-ewwel aggravju li permezz tiegħu l-appellant sostna li huwa ma setax jinstab ħati tal-inċident li, skont iċ-ċitazzjoni, seħħ filgħodu meta l-provi mressqa jirrigwardaw inċident li seħħ filgħaxija.  Il-Qorti segwiet id-deċiżjoni 'Il-Pulizija versus Mary John Briffa tat-18 t'Ottubru 2005 u laqgħet l-aggravju għaliex waqt li ċ-ċitazzjoni kienet tgħid li l-inċident ġara 'għall-ħabta tas-06.10am' il-provi wrew li l-inċident seħħ 'għall-ħabta tas-6.10pm.'

Iżda din l-aħħar deċiżjoni ma tapplikax għall-każ odjern l-ewwelnett għaliex tassew li partijiet mir-reat seħħew fil-ħin idikat fiċ-ċitazzjoni u t-tieni, lanqas jekk kellu jittieħed l-ewwel ħin (kif qed isostni l-appellant) ma kienx hemm trapass ta' tnax-il siegħa kif kien hemm fil-każ li għadha kif saret referenza għalih

Il-Qorti tagħmel l-osservazzjonijiet segwenti:

(a) Skont il-Liġi stess u l-ġurisprudenza ċ-ċitazzjoni ma tkunx nulla għax ikun fiha żbalji dwar l-isem jew saħansitra ma tkunx indikata s-sena. Il-Liġi titlob partikolaritjiet dwar iż-żmien u l-lok u l-fatti tal-akkuża. Iċ-ċitazzjoni li l-Qorti għandha quddiemha fiha dawn l-elementi.

(b) It-tieni iċ-ċitazzjoni tgħid '**għall-ħabta** ta' 22.40' – kliem li juri li l–ħin qed jingħata b'mod approssimattiv;

(ċ) It-tielet, waqt li d-difiża tgħid li ma nafux x'sar għal xi tliet kwarti, filfatt nafu x'sar mix-xhieda li ta PC 589 Etienne Grima. Sa fejn jaf dan li kien hemm ikel xorb jew drinks f'dawn it-tliet kwarti.

(d) Fit-tieni jew fit-tielet imputazzjonijiet insibu l-kliem 'saq jew ipprova jsuq'. Dan huwa l-kliem li tuża il-Liġi stess fl-artikoli 15A u 15B tal-Kap 65:

'Ebda persuna m'għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra.'

Effettivament fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni (u dan hu li jgħodd għax dan hemm miktub u mhux x'kellu f'moħħu min iddrafjta ċ-ċitazzjoni) l-appellant **ipprova jsuq l-mutur** u kien ix-xhud PC 589 li waqqfu milli jagħmel dan minħabba li rah li ma kienx f'pożizzjoni li jsuq.

Oltre dan jirriżulta li breathalyser test sar fil-23.55.57 li huwa siegħa wara li l-appellant ittenta jsuq u dan jirriżulta mid-dokumenti a fol 4 u 5.

Għalhekk, il-Qorti mhix tilqa' s-sottomissjoni tad-difiża dwar li l-imputazzjonijiet dwar is-sewqan (jiġifieri, it-tieni u t-tielet imputazzjoni). Id-difża qalet li dawn ma jirriżultawx għax il-ħin indikat ħażin. Kontra dak li qed tissottometti d-difiża l-ħin huwa indikat tajjeb u jaqbel mal-ħin li jissemma fil-provi.

**L-imputazzjonijiet li fuqhom sar appell**

Waqt li wieħed iżomm f'moħħu dak li diġa' ntqal dwar l-indikazzjonijiet tal-ħin fiċ-ċitazzjoni, fil-fehma tal-Qorti l-ewwel imputazzjoni – sewqan bla crash helmet tirriżulta mix-xhieda mogħtija minn PC 589 Etienne Grima.

It-tieni imputazzjoni – dik dwar sewqan jew li l-appellant ipprova jsuq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq hija ppruvata wkoll mix-xhud diġa' msemmi.

It-tielet imputazzjoni – sewqan jew li l-appellant ipprova jsuq f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjoni tiegħu fin-nifs kienet iżjed mil-limitu preskritt tirriżulta mill-breathalyser test li juri reading ta' 0.96 fit-23.55.07 meta skont l-artikolu 15 I (1)(a) tal-Kap 65 'il-limitu preskritt' huwa ta' 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs. Għall-prova li l-appellant ipprova jsuq, ara l-kumment dwar it-tieni imputazzjoni.

Ir-raba' imputazzjoni – dik dwar tipjip fil-bar msemmi tirriżulta mix-xhieda ta' PC 589 Etienne Grima li kien mal-appellant il-ħin kollu.

Il-ħames imputazzjoni – dik dwar li kiser il-mistrieħ tan-nies u l-paċi pubblika. Din tirriżulta ampjament minħabba l-konfront fiżiku li kellu mal-Pulizija tant li kellha tissejjaħ l-assistenza.

Is-sitt imputazzjoni kienet ammessa.

Is-seba' imputazzjoni – li m'obdiex l-ordni leġittima tal-Pulizija tirriżulta wkoll għaliex meta kien imwissi biex ma jsuqx xorta tela' fuq il-mutur biex isuq.

It-tmien imputazzjoni hija ammessa.

**Konklużjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq il-Qorti qed tiċħad l-appell kollu kemm hu u qed tikkonferma l-ewwel sentenza fl-intier tagħha inkluża l-iskwalifika milli l-appellant ikollu jew jikseb xi liċenzja tas-sewqan għaż-żmien indikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------